MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2008

Numru. 809/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Francis Mercieca bin George u Frances nee' Debrincat,**
**imwieled fid-9 ta' Awissu 1957 u residenti Shalom, Triq ta' Marziena, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 44357(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi **Francis Mercieca** li gie akkuzat talli nhar is-27.07.2007 ghal habta tal-04:30p.m. fi Triq Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex;

1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolament habat bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVN 474 ma’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni SIX 287 u kkagunalha hsarat ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, kif ukoll ikkaguna hsara fil-vettura SIX 287 ghad-dannu ta’ Martin Magro;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;
.

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe’ l-Artikolu 328(d) tal-kap 9;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi s-sewwieq tal-vettura GVN 474 u cioe’ l-imputat kellu jzomm ‘proper lookout’ meta gie biex jikser ghal gewwa triq principali u pjuttost traffikuza. Jidher mill-iskizz illi l-vettura tieghu tinsab kwazi fuq l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta;

Ma rrizultax madankollu illi s-sewwieq kien qieghed isuq bi speed qawwi;

Ghaldaqstant issib lill-imputat hati u tikkundannah ammenda ta’ hamsin Euro (€50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------